DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/439/PESK

tat-8 ta' Lulju 2014

li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK li timponi miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja.

(2) Il-Kunsill iqis li għandha tiżdied persuna waħda mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tidher fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Il-Kunsill iqis ukoll li tmien persuni għandhom jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tidher fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(4) L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa b'dan emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
P. C. PADOAN

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

ANNESS

I. Il-persuni li ġejjin jitħassru mil-lista li tinsab fil-parti A tal-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK:

Nru. 8	Arkhipau, Aliaksandr Mikhailavich;
Nru. 21	Berastau, Valery Vasilievich;
Nru. 27	Bushnaia, Natallia Uladzimirauna;
Nru. 131	Mihun, Andrei Arkadzevich;
Nru. 164	Samaliuk, Hanna Valerieuna;
Nru. 195	Svorab, Mikalai Kanstantsinavich;
Nru. 200	Tratsiak, Piotr Uladzimiravich;
Nru. 212	Varapaev, Ihar Ryhoravich.

II. Il-persuna li ġejja tiżdied mal-lista li tinsab fil-parti A tal-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK:

	Isem	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Raġunijiet	Data ta' elenkar
	Volkov, Vitaliy Nikolayevich			Imħallef fil-qorti reġjonali fi Shklov. F'Jannar 2012 iddeċieda li jittrasferixxi lill-kandidat Presidenzjali preċedenti u attivist tal-oppożizzjoni N. Statkevich lejn ħabs tat-tip magħluq f'Mogilov sempliċement abbażi ta' allegat vjolazzjonijiet tar-regoli ta' priġunerija fil-kolonja penali IK-17 fi Shklov biss. Għalhekk din id-deċiżjoni wasslet għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' N. Statkevich inkluż in-nuqqas ta' rqad u t-theddid għal saħħtu.	9.7.2014